# TALBA TAL-FIDILI

# TNEJN TAT-22 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Fis-sinagoga ta' Nazaret Ġesù juri lilu nnifsu bħala l-Messija midluk mill-Ispirtu s-Santu, li ġie fid-dinja jxandar il-bxara t-tajba lill-fqajrin. Nitolbu biex aħna nilqgħu bil-ferħ il-preżenza ħajja ta' Kristu fostna fil-Kelma li llum l-Knisja tħabbrilna, u nitolbu:
R/. *Agħtina li nħobbu l-liġi tiegħek, Mulej.*

1. Għall-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti, biex jgħixu l-konsagrazzjoni li rċevew fil-jum tal-ordinazzjoni tagħhom billi jfittxu lill-fqajrin tad-dinja biex iwasslulhom l-aħbar sabiħa tas-salvazzjoni, nitolbu. R/.

2. Għall-mexxejja tal-ġnus, biex ma jagħlqux widnejhom għall-ilħna profetiċi li jitkellmu favur il-ġustizzja lejn il-foqra, imma jaraw fihom messaġġiera tar-rieda ta' Alla favur id-dinjità tal-bniedem, nitolbu. R/.

3. Għall-predikaturi tal-Kelma ta' Alla, biex ma jibżgħux ixandru bl-għajnuna tal-Ispirtu s-salib ta' Kristu bħala l-qawwa u l-għerf ta' Alla, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li huma fqajrin, li jsofru skjavitù, mard jew inġustizzja, biex jemmnu fil-qawwa ta' Kristu li jaqbeż għall-kawża tal-imsejknin tad-dinja u jagħtihom id-dinjità li jistħoqqilhom, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex nemmnu li llum qed iseħħ fostna dak li qed nisimgħu fil-Kelma ta' Kristu, u ma nwarrbux din l-okkażjoni ta' salvazzjoni kif għamlu n-nies ta' Nazaret, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, il-Missier ikkonsagrak biex twassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin. Għallimna l-għerf tas-salib u l-umiltà tal-fqajrin, u iftħilna widnejna biex nemmnu li llum int qiegħed tkellimna u li fik iseħħu l-wegħdiet ta' salvazzjoni li tħabbar l-Iskrittura. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **TLIETA TAT-22 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Ġesù hu l-qaddis ta' Alla, li ġie fid-dinja biex jirbaħ il-qawwa tax-xitan. Fis-sinagoga ta' Kafarnahum Ġesù jeħles lil raġel maħkum mix-xitan u jagħtih il-ħelsien spiritwali. Nitolbu biex aħna wkoll nagħrfu f'Ġesù l-profeta kbir li bih Alla ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu:
R/. *Ġesù, qaddis ta' Alla, ismagħna.*

1. Biex il-Knisja taqdi bil-fedeltà l-missjoni tagħha li teħles lill-bnedmin mill-qawwa tax-xitan permezz tal-predikazzjoni, tal-penitenza u tal-ministeru tal-ħelsien tal-Ispirtu, nitolbu. R/.

2. Biex dawk li huma mogħtija għax-xjenza u l-istudju jiskopru l-veru għerf tal-Ispirtu ta' Alla li jagħti sens u tifsira lil kull akkwist u skoperta xjentifika umana, nitolbu. R/.

3. Biex il-persuni li jħossuhom skjavi tal-ħażin minħabba sitwazzjoni ta' dnub jew problemi spiritwali jersqu bil-fiduċja lejn l-għajnuna tal-Knisja u jsibu wkoll appoġġ biex jgħixu b'mod pożittiv il-ħajja tagħhom, nitolbu. R/.

4. Biex kull min iħaddem xi xorta ta' awtorità jużaha fl-ispirtu ta' Kristu li ġie fid-dinja biex jaqdi lill-bniedem u jeħislu minn dak kollu li jtelliflu s-safa tal-ħarsa tiegħu, nitolbu. R/.

5. Biex din l-Ewkaristija tkun għalina mument li fih ngħarfu lil Kristu, l-għerf ta' Alla, li jeħlisna mill-ħażin u jagħtina l-libertà ta' wlied Alla nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, agħtina li nagħrfuk bħala l-profeta kbir li Alla bagħat fostna biex teħlisna mill-ħażin u tagħtina l-ħelsien tal-Ispirtu tiegħek. Għinna ngħixu fil-ferħ ta' nies ħielsa d-don tal-grazzja li nirċievu fil-Kelma u s-sagramenti. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ERBGĦA TAT-22 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-evanġelista Luqa llum jagħtina rakkont ta’ ġurnata ta’ ħidma ta’ Ġesù f’Kafarnahum. Jurina lil Ġesù jgħallem fis-sinagoga, ifejjaq l-imxajtnin u l-morda, u jinġabar fit-talb lill-Missier, biex imbagħad jistieden lid-dixxipli jmorru miegħu ħalli jxandar il-bxara t-tajba ma’ kullimkien. Nitolbu biex aħna wkoll nimxu wara Kristu fuq l-istil ta’ ħajja tiegħu:
R/. *Iben ta’ Alla, mibgħut biex issalvana, ismagħna*.

1. Int li tkabbar il-Knisja tiegħek bil-predikazzjoni tal-appostli, ħarisha minn kull firda, u żomm lill-Insara qalb waħda u ruħ waħda fix-xhieda li jagħtuk, nitolbu. R/.

2. Int li żrajt il-Kelma tiegħek biex iġġib l-għaqda u l-paċi fost il-bnedmin, ħares lid-dinja tagħna mill-għira u l-mibegħda li jġibu l-firda u l-gwerer, nitolbu. R/.

3. Int li fejjaqt il-morda ta’ Kafarnahum, li għarfu fik l-Iben ta’ Alla, fejjaq lill-morda tagħna u agħtihom faraġ fl-ispirtu u qawwa li tiġi mill-fidi biex jersqu lejk fit-tbatijiet tagħhom, nitolbu. R/.

4. Int li warrabt biex tingħaqad fit-talb mal-Missier, għallimna nsibu ħin kuljum biex ningħaqdu miegħek fit-talb qabel ma nibdew il-ħidmiet tagħna, nitolbu. R/.

5. Int li stedint lill-appostli jiġi miegħek biex ixxandar il-bxara t-tajba kullimkien, għallimna noħorġu fid-dinja u nsibu l-okkażjoni biex inwasslu l-Evanġelju tiegħek fil-kamp tax-xogħol u fis-soċjetà li fiha ngħixu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti l-mibgħut mill-Missier biex issalvana. Fejjaqna mill-mard spiritwali tagħna, agħtina kuraġġ fil-mard tal-ġisem, żommna qalb waħda u ruħ waħda fit-talb biex insiru kollaboraturi tas-saltna tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta’ dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĦAMIS TAT-22 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Nersqu lejn il-Mulej Ġesù bl-atteġġjament umli ta' Pietru, li jistqarr li hu midneb quddiem il-qabda mirakoluża tal-ħut, biex hekk ikollna l-ferħ li bħalu l-Mulej jistedinna nimxu warajh u ma nibżgħux mill-qawwa tas-salib tiegħu:
R/. *Mulej, ilqagħna bħala midinbin.*

1. Għall-Papa, biex bħal Pietru jistqarrlek l-imħabba tiegħu quddiem ir-realtà ta' Knisja midinba li għandha bżonn kuraġġ u qawwa biex timxi warajk u ssir sajjieda tal-bnedmin, nitolbu. R/.

2. Għal dawk li jaħsbu li jistgħu jiddominaw fuq l-oħrajn bil-prepotenza u l-qerq ta' moħħhom, biex jiltaqgħu mal-veru għerf ta' Kristu li jħawwad kull pjan qarrieq tal-bnedmin, nitolbu. R/.

3. Għal min iħossu msejjaħ biex jimxi wara Kristu aktar mill-qrib, biex ma jibżax ikalxa x-xbiek fil-fond u jiddedika ħajtu għas-salvazzjoni ta' ħutu, nitolbu. R/.

4. Għal kull min hu msejken u jfittex il-faraġ, biex bħan-nies li mxew wara Ġesù biex jisimgħu jippriedka fuq l-għadira tal-Galilija, jsib dawl u qawwa bl-għajnuna ta' ħutu l-bnedmin li jwasslulu lil Kristu, nitolbu. R/.

5. Għalina li nħossuna midinbin u ma jistħoqqilniex li Kristu jiġi għandna fl-Ewkaristija, biex nagħmlu kuraġġ u ninxteħtu f'riġlejh ħalli jagħtina maħfra u entużjażmu biex naffrontaw l-isfida li nsiru dixxipli tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, inti tħawwad l-għerf tad-dinja bl-għerf li deher fil-misteru tas-salib tiegħek. Agħtina li ma nibżgħux mill-ħtijiet li jbegħeduna minnek biex, bħal Pietru, nersqu lejk b'qalb niedma u nħossu l-ferħ u l-kuraġġ li noħorġu miegħek nistadu fil-baħar fond tad-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **ĠIMGĦA TAT-22 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Nitolbu lil Alla Missierna li jiġġudika bil-ħniena l-għemejjel tagħna biex ngħixu bl-ispirtu ta' tiġdid spiritwali ta' dawk li skoprew lil Kristu f'ħajjithom, li ġie fid-dinja biex ikun l-għarus tal-Knisja tiegħu:
R/. *Missier, ġeddidna u qaddisna.*

1. Għall-Knisja, biex toħroġ mill-imħażen spiritwali tagħha l-benna tal-inbid qadim tal-kontenut tal-fidi, kif ukoll l-inbid ġdid u frisk tal-viċinanza tagħha lejn il-bnedmin fid-dinja tallum, nitolbu. R/.

2. Għal dawk li huma responsabbli mill-ġudikatura, biex jaqdu dmirhom bl-onestà u intenzjoni retta, u b'sens ta' fidi fi Kristu l-imħallef veru tal-umanità, nitolbu. R/.

3. Għall-bdiewa u dawk li jaħdmu l-art, biex il-Mulej ikattar il-frott ta' ħidmiethom b'kotra ta' prodotti bnini, u għal kull min jaħdem fil-produzzjoni tal-inbid biex ikollu annata tajba, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li jgħixu l-fidi tagħhom b'mod formali, biex jifhmu l-bżonn ta' tiġdid spiritwali profond u awtentiku li jmur 'il hemm mill-ħarsien ta' preċetti, nitolbu. R/.

5. Għalina biex insumu mid-dnubiet tagħna u nistennew bil-ferħ l-inbid il-ġdid ta' Kristu l-għarus tagħna, ħalli nkunu damiġġani ġodda, nitolbu. R/.

*Ċel:* Missier qaddis, fil-passjoni ta' Ibnek li xerred demmu għalina fuq is-salib int urejtna fi Kristu l-għarus tagħna, li jġedded is-sagrifiċċju tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Ilqagħna għal din il-mejda tal-festa tiegħek biex niġġeddu bil-qawwa tal-inbid ibaqbaq tad-demm ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# SIBT TAT-22 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù ġie jippriedka l-ħniena u mhux is-sagrifiċċju. Hu jaqleb ta' taħt fuq il-konvinzjonijiet reliġjużi tal-kapijiet ta' żmienu biex juri l-bżonn li mmorru għall-essenzjal tal-ħajja tal-Evanġelju. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Agħmilna strumenti ta' ħniena, Mulej.*

1. Għall-ministri tal-Knisja, biex ma jieqfux biss fuq stil ta' ħajja nisranija formali, imma juru l-ħtieġa li l-qima liturġika tkun imsieħba minn għemejjel ta' karità u ta' ġustizzja lejn il-foqra, nitolbu. R/.

2. Għas-soċjetà sekolarizzata li ngħixu fiha, biex ma titlifx is-sens tal-jum tal-Ħadd bħala jum ta' mistrieħ mix-xogħol u ta' talb madwar il-mejda tal-familja, nitolbu. R/.

3. Għall-bnedmin li jbatu l-ġuħ, biex il-pajjiżi għonja ma jarmux ir-riżorsi kbar ta' ikel li jipproduċu b'detriment għal min hu bil-ġuħ ħalli b'hekk iżommu mal-kriterji ekonomiċi ta' swieq inġusti li huma jfasslu, nitolbu. R/.

4. Għal kull min ibati l-inkomprensjoni u jiġi mwarrab għax jitkellem bil-kuraġġ kontra l-inġustizzja, biex ma jaqtax qalbu quddiem il-falliment apparenti tal-ħidma tiegħu, nitolbu. R/.

5. Għalina li nieħdu sehem minn ħobża waħda magħġuna mill-qamħ, biex l-Ewkaristija tkun għalina okkażjoni li fiha nagħarfu li ġejna mnissla fi Kristu bil-kelma tal-Evanġelju li smajna, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, tħalliniex ningħalqu f'reliġjożità formali u bla ħajja, imma għinna nfittxu l-ġustizzja u l-ħniena li inti ġejt biex iġġib fid-dinja, int li int sid is-Sibt, għax għadek taħdem mal-Missier. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Li tkun dixxiplu ta’ Ġesù jfisser li trid tħobbu aktar mill-aktar persuni u ħwejjeġ għeżież li għandek, u li timxi warajh billi tiċħad għal dak li trid int u tilqa’ bil-ferħ is-salib tiegħu. Induru lejn Alla biex jgħallimna nsiru dixxipli veri ta’ Ibnu Ġesù:
R/. *Għallimna r-rieda tiegħek, o Alla.*

1. Sawwab mill-għoli fuq il-Knisja tiegħek id-don tal-għerf tal-Ispirtu qaddis tiegħek, biex turi lill-bnedmin ir-rieda mqaddsa tiegħek, nitolbu. R/.

2. Dawwal lill-mexxejja tan-nazzjonijiet biex jaħdmu ħalli tinqered kull forma ta’ skjavitù moderna u kull sfruttament ta’ persuni innoċenti, nitolbu. R/.

3. Iddefendi l-kawża ta’ dawk il-persuni li għadhom jgħixu bħala skjavi fid-dinja tallum, u li huma sfruttati għal qliegħ ekonomiku, jew għall-interessi politiċi, nitolbu. R/.

4. Qawwi fir-rieda tagħhom lil dawk li ħallew kollox biex ikkonsagraw ħajjithom għal Kristu permezz tal-kunsilli evanġeliċi ta’ faqar, kastità u ubbidjenza, nitolbu. R/.

5. Għallimna nħobbuk fuq kollox u fuq kulħadd, b’mod li nsiru dixxipli veri ta’ Kristu u nerfgħu s-salib tagħna ħalli nimxu warajh bil-ferħ u l-fedeltà, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti taf kemm hu diffiċli għalina ninħallu mir-rabtiet affettivi tagħna ma’ persuni u affarijiet materjali, u kemm insibuha diffiċli biex nagħżlu l-veru ġid tas-sema. Agħtina l-għerf tal-Ispirtu tiegħek, biex inkunu dixxipli li nġorru s-salib tagħna ta’ kuljum wara Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta’ dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# 29 ta' Awissu
# Tifkira tal-Martirju ta' San Ġwann Battista

*Ċel:* Ġwanni l-Battista sofra l-martirju bħall-profeti kollha li tkellmu favur il-verità u l-ġustizzja. Hu wassal ix-xhieda tiegħu għal Kristu sal-perfezzjoni tal-martirju u kien il-prekursur tiegħu sa fil-mewt. Nitolbu biex bħalu aħna wkoll inkunu xhieda kuraġġużi ta' Kristu:
R/. *Agħtina l-kuraġġ li nagħtuk xhieda, Mulej.*

1. Int li qaddist lil Ġwanni l-Battista fil-ġuf ta' ommu Eliżabetta meta qabeż bil-ferħ fiż-żjara tiegħek, imla' lill-Knisja bil-qdusija u l-ferħ fil-missjoni tagħha biex ixxandrek quddiem id-dinja, nitolbu. R/.

2. Int li tajtna fi Ġwanni bniedem li sofra l-moħqrija ta' Erodi għax ta xhieda għall-verità, iddefendi lill-foqra u l-imsejknin tad-dinja li huma maħkumin mit-tirannija ta' mexxejja politiċi bla skrupli, minn reġimi militari, jew minn sistemi ekonomiċi li jisfruttawhom, nitolbu. R/.

3. Int li aċċettajt li titgħammed minn Ġwanni fix-xmara Ġordan, qaddes lil dawk li jirċievu l-magħmudija biex jisimgħu dejjem leħnek, l-Iben li fih il-Missier sab l-għaxqa tiegħu, nitolbu. R/.

4. Int li ridt li Ġwanni jiġi maqful fil-ħabs minħabba l-għira, ieqaf ma' dawk kollha li huma vittmi ta' għira u mibegħda u li jsofru inġustament, nitolbu. R/.

5. Int li għamilt lil Ġwanni l-Battista l-akbar wieħed fost dawk li twieldu min-nisa, għinna ngħixu fi spirtu ta' konverżjoni u penitenza biex nuru d-dinjità ta' wlied Alla li ksibna bil-fidi tagħna fl-Evanġelju, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, int għażilt lil San Ġwann Battista biex jagħtik l-ogħla xhieda fil-martirju tiegħu. Agħti lilna li nifirħu fil-glorja li hu kiseb li bħalu ma nibżgħux inkunu profeti qalbiena tal-verità quddiem id-dinja li trid raġuni tal-fidi tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.